32006D0800

24.11.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 325/35

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Novembru 2006

li tapprova l-pjanijiet għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ u l-vaċċinazzjoni ta' emerġenza għal dawk il-ħnieżer kontra dik il-marda fil-Bulgarija

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5468)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/800/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) u r-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 20(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2001/89/KEE tintroduċi miżuri minimi tal-Komunità għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer. Dawn il-miżuri jinkludu d-dispożizzjoni li l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, wara l-konferma ta' każ primarju ta' deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ, pjan tal-miżuri għall-eradikazzjoni ta' din il-marda. Din id-Direttiva fiha wkoll dispożizzjonijiet rigward il-vaċċinazzjoni ta' emerġenza tal-ħnieżer slavaġ.

(2) Id-deni klassiku tal-ħnieżer huwa preżenti fil-ħnieżer slavaġ fil-Bulgarija.

(3) Meta jittieħed kont ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija, il-miżuri li jikkonċernaw is-sitwazzjoni fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer f'dan il-pajjiż għandhom jiġu stabbiliti fuq livell Komunitarju.

(4) Il-Bulgarija nediet programm għas-sorveljanza u l-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer fit-territorju kollu ta' dan il-pajjiż. Dan il-programm għadu għaddej.

(5) Il-Bulgarija ressqet ukoll pjan għall-approvazzjoni quddiem il-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2006 għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer u pjan għall-vaċċinazzjoni ta' emerġenza ta' ħnieżer simili fit-territorju kollu tal-Bulgarija.

(6) Dawn il-pjanijiet imressqa mill-Bulgarija, ġew eżaminati mill-Kummissjoni u nstabu li huma konformi mad-Direttiva 2001/89/KE.

(7) Bil-għan ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija, dawn il-pjanijiet għandhom jiġu approvati bħala miżura tranżitorja li tkun applikabbli mid-data ta' l-Adeżjoni u għal perjodu ta' disa' xhur.

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Pjan għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ

Il-pjan imressaq mill-Bulgarija lill-Kummissjoni għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ, fiż-żona kif stabbilit f'punt 1 ta' l-Anness, huwa approvat.

Artikolu 2

Pjan għal vaċċinazzjoni ta' emerġenza kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ

Il-pjan imressaq mill-Bulgarija lill-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2006 għall-vaċċinazzjoni ta' emerġenza tal-ħnieżer kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fiż-żona kif stabbilit f'punt 2 ta' l-Anness, huwa approvat.

[1] ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Direttiva kif emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

Artikolu 3

Konformità

Il-Bulgarija għandha tiżgura li l-miżuri meħtieġa biex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni jittieħdu immedjatament u tippubblika dawn il-miżuri. Għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Artikolu 4

Applikabbilità

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika biss suġġetta għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Għandha tapplika għal perjodu ta' disa' xhur.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 23 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

1. **Żoni fejn il-pjan għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ għandu jiġi implimentat:**

   It-territorju kollu tal-Bulgarija.

2. **Żoni fejn il-pjan tal-vaċċinazzjoni ta' emerġenza tal-ħnieżer slavaġ kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer għandu jiġi implimentat:**

   It-territorju kollu tal-Bulgarija.